IL-FGURA

Minuti tal-laqgħa 41 tas-seba' Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tlieta 15 ta' Marzu, 2016, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-18:30.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Dr. Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sur P. Dalli |
| **Kunsilliera:** | Is-Sur C. Bonello 18:47<br>Is-Sur S. Camilleri<br>Is-Sur R. Deguara<br>Is-Sur R. Ellul<br>Is-Sur M. Lombardo 18:32<br>Is-Sur J. Zammit<br>Is-Sur R. Zammit |
| **Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Minuti

1.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4259/16/7 "Sabiex jiġu approvati Minuti 16 ta' Frar, 2016". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur R Zammit, Sur J Zammit.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur S Camilleri.

Il-mozzjoni ref: 4259/16/7 ġiet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

## 2.0 Matters Arising

2.01 Ma tqajmet ebda materja taħt dan il-punt fuq l-aġenda.

## 3.0 Korrispondenza

3.01 Ma tressqet ebda korrispondenza.

## 4.0 Purchase Request Forms

4.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4260/16/7 "Sabiex jiġu approvati PRFPO for CM15/3/16" (ara 'DOK A' anness). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4260/16/7 ġiet approvata unanimament.

Is-Sur M Lombardo daħal fil-kamra fis-18:32.

## 5.0 Ħlasijiet

5.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4261/16/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 17/2/16 sa 8/3/16" (ara 'DOK B' anness). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur R Zammit, Sur J Zammit.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo.

Il-mozzjoni ref: 4261/16/7 ġiet approvata b'seba voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

## 6.0 Memos

6.01 Ma tqajmet ebda materja taħt dan il-punt fuq l-aġenda.

## 7.0 Tenders

7.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4262/16/7 "Sabiex CM-ARCH-17-14 jiġi terminat by mutual agreement". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur R Zammit, Sur J Zammit.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo.

Il-mozzjoni ref: 4262/16/7 ġiet approvata b'seba voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

7.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4263/16/7 "Sabiex jinħareġ tender għal *contract manager / architect*". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4263/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 8.0 Proġetti, Toroq u Xogħolijiet Infrastrutturali

8.01 Is-Sindku qal li l-Kunsill waslulu d-diżinji tal-Perit u l-*Bill of Quantities* relatati mal-proġett maħsub għal Triq il-Pitirross u l-akwata.

8.02 Is-Sur M Lombardo saqsa jekk kienx hemm progress fir-rigward tal-proġett maħsub għal Triq A.M. Valperga, li jitratta infrastruttura sportiva.

8.02.1 Is-Sindku qal li d-diżinji huma lesti min-naħa tal-Perit u l-pass li jmiss huwa li titressaq applikazzjoni mal-MEPA.

8.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4264/16/7 "Sabiex issir rampa oħra fi Triq il-Karmelitani k/m Pjazza Reggie Miller man-naħa tal-ħajt faċċata tal-knisja, sabiex ikun hemm aċċess għall-*wheelchairs*". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4264/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 9.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

9.01 Is-Sindku għamel referenza għar-rapport intitolat 'Respira' li jitratta l-inkwinazzjoni tal-arja fi Triq Żabbar, Il-Fgura. Qal li minkejja korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju, il-Kunsill għadu ma rċeviex tweġiba.

## 10.0 Rapporti Kumitati u Sotto Kumitati

10.01 Ma tressaq ebda rapport.

## 11.0 Progress ta' Ħidma mill-Membri tal-Kunsill

11.01 Is-Sur P Dalli qal li saret laqgħa mal-kuntrattur li jieħu ħsieb is-*soft areas* sabiex ikunu indirizzati nuqqasijiet f'dan ir-rigward.

11.01.1 Is-Sur M Lombardo qal li fi Pjazza Reggie Miller sar xogħol li baqa' ma ġiex komplut mill-kuntrattur in kwestjoni.

11.01.2 Is-Sindku qal li l-laqgħa li saret mal-kuntrattur tat il-frott peress li bosta nuqqasijiet ġew indirizzati.

11.02 Is-Segretarju qal li fil-ġimgħa ta’ qabel il-laqgħa is-Sur P Dalli, is-Sur S Camilleri u hu, attendew għal konferenza imtella’ minn Transport Malta li kienet titratta l-metodu li bih għandu jkun deċiż l-partijiet li għandhom ikunu *reinstated* bl-asfalt kull meta jsir servizz ġdid fit-toroq. Tali *reinstatement* għandu jsir skont il-kundizzjoni tat-triq li fiha jsir ix-xogħol u skont it-tip ta’ servizz li jsir mill-ġdid jew jissewwa’.

## 12.0 Ilmenti u talbiet lill-Kunsill

12.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4265/16/7 “Il-Kunsill Lokali tal-Fgura ma jilqax it-talba għal loading/unloading bay annessa stante illi hemm loading/unloading bays oħra fiż-żona u li ċertu applikanti għandhom yellow parking bays eżistenti quddiem in-negozju tagħhom”. Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4265/16/7 ġiet approvata unanimament.

Is-Sur C Bonello daħal fil-kamra fis-18:47.

## 13.0 Traffic Management

13.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4266/16/7 “Traffic Management: Sabiex bankina ħierġa il-barra fi Triq Kampanella ma Ġiżi titneħħa u isir parking space - Sabiex isir kif propost. Sabiex isir 1 meter yellow line fuq kull naħa tal-garaxx li hemm 204 Triq is-Sur fejn hemm il-parking bay eżatt mal-garaxx trid tinżel ftit l-isfel - Sabiex isir double yellow line ta' metru kif mitlub. Fi Triq Fredu Abela hemm remissa taż-żwiemel u hemm trejqa magħluqa bil-knaten u qed jipparkjaw quddiema u quddiem il-garaxx u qed jagħlqulu l-aċċess. Jixtieq li ssir kannizzata quddiem din it-trejqa u Biċċa mill-garage - Sabiex isir hatching kif mitlub. Kien sar ilment sabiex jillimitaw id-distanza tal-parking bays fi Triq Mondion quddiem garaxx no. 5. Ir-resident qed jitlob li jiġi nfurmat bil-progress ta dan l-ilment. Ir-resident ikkonferma li t-talba tiegħu hija sabiex isir il-yellow line 1mtr fuq iż-żewġ naħat tal-garaxx tiegħu - Sabiex isir double yellow ta' metru kif mitlub. Nistgħu nagħmlu double yellow line minn quddiem dar 103 sa 113 fi Triq il-Karmnu għax qed jipparkjaw fuq il-bankina u mhux qed jagħtu aċċess għan-nies - Għandu jsir kif propost. Sabiex minflok white hatching li hemm fi Triq San Mikiel k/m Triq Gurbell jiġi double yellow line peress li bosta qegħdin jipparkjaw għaliex jaħsbu li huwa parking bay - Għandu jsir kif propost.”. Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4266/16/7 ġiet approvata unanimament.

13.02 Is-Sur C Bonello qajjem materja dwar *un/loading bay* li kienet quddiem stabbiliment tal-ħwienet magħruf bħala ‘240’ fi Triq Żabbar viċin Triq San Franġisk u eventwalment tneħħiet. Mindu tneħħiet ħolqot sitwazzjoni problematika għall-ħatt tal-merkanzija f’dawn l-istabbilimenti.

13.02.1 Is-Sindku qal li min-naħa ta’ wara tal-istabbiliment, dħul minn Triq Mater Boni Consigli, dan l-istabbiliment għandu l-aċċess biex iġorr il-merkanzija.

13.02.2 Is-Sur C Bonello qal li rċieva lmenti li min qiegħed jipprova jagħmel użu mill-*un/loading bay* li tinsab faċċata tal-imsemmi stabbiliment ftit ‘l fuq mill-kumpless Galleria, qed isib lil sid il-ħanut li għandu l-*un/loading bay* quddiemu jimpedixxi li jsir tali użu.

13.02.3 Is-Sindku qal li tali *un/loading bay* mhijiex għall-użu esklussiv ta’ negozju partikolari u tista’ tintuża minn negozji oħra.

13.03 Is-Sur C Bonello saqsa dwar *sleeping policeman* li kienet proposta fi Triq il-Kampanella.

Is-Sur R Ellul ħareġ mill-kamra fis-18:56.

13.03.1 Is-Sindku qal li se jkun qed jara liema għandha tkun il-parti li fiha ssir l-i*sleeping policeman*, sabiex din tkun kemm jista’ jkun effettiva.

Is-Sur R Ellul daħal fil-kamra fis-18:58.

## 14.0 <u>Laqgħa tal-Lokalita’</u>

14.01 Is-Sindku preżenta r-rapport relatat mal-Laqgħa tal-Lokalita’ li jinsab anness bħal ‘DOK Ċ’.

## 15.0 <u>Staff</u>

15.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4268/16/7 “Sabiex tiġi adottata r-rakomandazzjoni tas-sotto kumitat annessa u jagħżlu lil Gemma Cassar għal pożizzjoni ta' clerk (scale 15)”. Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4268/16/7 ġiet approvata unanimament.

Is-Sur S Camilleri ħareġ mill-kamra fis-19:17.

## 16.0 Finanzi

16.01 Is-Sur C Bonello għamel mistoqsijiet dwar ir-Rapport għar-raba' kwart tas-sena 2015. Is-Segretarju wieġeb għad-domandi mressqa u se jkun qed jitlob lill-*Accountant* jibgħat spjegazzjonijiet dwar domandi oħra mressqa dwar *Street Lighting* u *Depreciation.*

Is-Sur S Camilleri daħal lura fil-kamra fis-19:19.

16.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4269/16/7 "Sabiex jiġi approvat Quarterly Financial Report for the period 1st October - 31st December 2015". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4269/16/7 ġiet approvata unanimament.

16.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4270/16/7 "Sabiex jiġi approvat il-budget għas-sena 2016". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur R Zammit, Sur J Zammit.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Il-mozzjoni ref: 4270/16/7 ġiet approvata b'seba voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

## 17.0 Proġett Kunsill Lokali Żgħażagħ

17.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed isiru t-tħejjijiet meħtieġa sabiex nhar l-Erbgħa 30 ta' Marzu fil-17:00 titnieda produzzjoni ta' vidjo mużikali u tinkixef skultura fi Triq it-Tagħlim k/m Triq is-Sur. Is-Sindku qal li l-bażi tal-iskultura saret u li l-iskultura se teħel fil-post nhar it-Tnejn 28 ta' Marzu.

17.02 Is-Segretarju kkonferma li s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Agius, il-Membru Parlamentari l-Onor. David Agius u l-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Żgħażagħ is-Sna Miriam Teuma, ġew mistiedna għal din l-okkażjoni.

**18.0 Edukazzjoni**

18.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4271/16/7 “Sabiex jinxtraw *whiteboard*, siġġijiet u mwejjed sabiex jintużaw għall-korsijiet edukattivi, ġewwa l-binja ta' taħt il-Kunsill”. Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4271/16/7 ġiet approvata unanimament.

**19.0 Attivitajiet**

19.01 Ma tressqet ebda mozzjoni f’dan ir-rigward.

**20.0 Mozzjonijiet**

20.01 Is-Sur R Deguara iddikjara interess pekunarju fir-rigward tas-soċjeta’ MIB u ħareġ mill-kamra fis-19:26.

20.01.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4258/16/7 “Sabiex jiġi estiż għal sena l-kuntratt INS-17-14”. Dan huwa kuntratt relatat mal-polza tal-assikurazzjoni. Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4258/16/7 ġiet approvata unanimament.

20.01.3 Is-Sur R Deguara daħal lura fil-kamra 19:27.

20.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4257/16/7 “Sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti TDF-17-16 simili għal TDF-17-13”. Dan huwa kuntratt relatat mat-tindif ta’ *premises* varji amministrati mill-Kunsill. Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4257/16/7 ġiet approvata unanimament.

20.03 Is-Sur C Bonello ddikjara interess pekunarju fil-konfront ta’ WM Environmental Ltd u ħareġ mill-kamra fis-19:27.

20.03.1 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4256/16/7 “Sabiex jiġi estiż għal sena l-kuntratt SS-17-14”. Dan huwa l-kuntratt tal-knis fit-toroq. Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4256/16/7 ġiet approvata unanimament.

20.03.2 Is-Sur C Bonello daħal lura fil-kamra fis-19:28.

20.04 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4255/16/7 “Sabiex jiġi estiż għal sena l-kuntratt RMP-17-15”. Dan huwa kuntratt relatat

ma’ forniment ta’ żebgħa tat-toroq. Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4255/16/7 ġiet approvata unanimament.

**21.0 Mistoqsijiet**

21.01 Ma kien hemm ebda mistoqsija x’titwieġeb.

**22.0 Aġġornament**

22.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta’ April, 2016, fis-18:30.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:30.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr. Byron Camilleri<br>Sindku | Christopher Cutajar<br>Segretarju |